2024/2940

11.12.2024

DEĊIŻJONI (UE) 2024/2940 TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW

tal-14 ta' Novembru 2024

li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2023/135 (BĊE/2022/51), id-Deċiżjoni (UE) 2015/287 (BĊE/2014/61), u d-Deċiżjonijiet BĊE/2013/53, BĊE/2010/34, BĊE/2008/33, BĊE/2007/22 u BĊE/2006/30 dwar il-ħlas tal-kapital, it-trasferiment ta' assi ta' riżerva barranin, u kontribuzzjonijiet għar-riżervi u l-provvisti tal-Bank Ċentrali Ewropew minn, rispettivament, Hrvatska narodna banka, Lietuvos bankas, Latvijas Banka, Eesti Pank, Národná banka Slovenska, is-Central Bank of Cyprus u l-Bank Ċentrali ta' Malta, u Banka Slovenije *(BĊE/2024/35)*

IL-KUNSILL GOVERNATTIV TAL-BANK ĊENTRALI EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra l-Istatut tas-Sistema Ewropea ta' Banek Ċentrali u tal-Bank Ċentrali Ewropew, u b'mod partikolari l-Artikolu 30.3 tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 30.3 tal-Istatut tas-SEBĊ jipprovdi li l-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) għandu jakkredita lil kull BĊN ta' Stat Membru li l-munita tiegħu hija l-euro bi dritt ta' preljev ekwivalenti għall-assi ta' riżerva barranin illi ttrasferixxa lill-BĊE. Din il-pretensjoni tiġi rremunerata bir-rata ta' referenza stabbilita fid-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2016/36) [1], kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2024/2939 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2024/33) [2]. Ir-remunerazzjoni tapplika għall-pretensjonijiet ekwivalenti għall-assi ta' riżerva barranin ittrasferiti lill-BĊE ta' Hrvatska narodna banka, Lietuvos bankas, Latvijas Banka, Eesti Pank, Národná banka Slovenska, is-Central Bank of Cyprus u l-Bank Ċentrali ta' Malta, u Banka Slovenije.

(2) Sabiex tiġi applikata minnufih remunerazzjoni adegwata, din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.

(3) Għalhekk, id-Deċiżjoni (UE) 2023/135 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2022/51) [3], id-Deċiżjoni (UE) 2015/287 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/61) [4], u d-Deċiżjonijiet BĊE/2013/53 [5], BĊE/2010/34 [6], BĊE/2008/33 [7], BĊE/2007/22 [8] u BĊE/2006/30 [9] tal-Bank Ċentrali Ewropew għandhom jiġu emendati skont dan,

---

[1] Deċiżjoni (UE) 2016/2248 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-3 ta' Novembru 2016 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (BĊE/2016/36), (ĠU L 347, 20.12.2016, p. 26).

[2] Deċiżjoni (UE) 2024/2939 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-14 ta' Novembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (BĊE/2016/36), (BĊE 2024/33) (ĠU L, 2024/2939, 11.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2939/oj).

[3] Deċiżjoni (UE) 2023/135 tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-30 ta' Diċembru 2022 dwar il-ħlas tal-kapital, it-trasferiment ta' assi ta' riżervi barranin u kontribuzzjonijiet minn Hrvatska narodna banka lir-riżervi u l-provvedimenti tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2022/51) (ĠU L 17, 19.1.2023, p. 94).

[4] Deċiżjoni (UE) 2015/287 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-31 ta' Diċembru 2014 dwar il-ħlas tal-kapital, it-trasferiment ta' assi ta' riżervi barranin u kontribuzzjonijiet minn Lietuvos bankas lir-riżervi u l-provvedimenti tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2014/61) (ĠU L 50, 21.2.2015, p. 44).

[5] Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-31 ta' Diċembru 2013 dwar il-ħlas tal-kapital, it-trasferiment ta' assi ta' riżervi barranin u kontribuzzjonijiet minn Latvijas Banka lir-riżervi u l-provvisti tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2013/53) (ĠU L 16, 21.1.2014, p. 65).

[6] Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-31 ta' Diċembru 2010 dwar il-ħlas tal-kapital, it-trasferiment ta' assi ta' riżervi barranin u kontribuzzjonijiet minn Eesti Pank lir-riżervi u l-provvisti tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2010/34) (ĠU L 11, 15.1.2011, p. 58).

[7] Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-31 ta' Diċembru 2008 dwar il-ħlas min-Národná banka Slovenska tal-kapital, it-trasferiment ta' assi barranin ta' riżerva u l-kontribuzzjonijiet għar-riżervi u l-provvisti tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2008/33) (ĠU L 21, 24.1.2009, p. 83).

[8] Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-31 ta' Diċembru 2007 dwar il-ħlas mis-Central Bank of Cyprus u l-Bank Ċentrali ta' Malta tal-kapital, it-trasferiment ta' assi barranin ta' riżerva u l-kontribuzzjoni għar-riżervi u l-provvedimenti tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2007/22) (ĠU L 28, 1.2.2008, p. 36).

[9] Deċiżjoni tal-Bank Ċentrali Ewropew tat-30 ta' Diċembru 2006 dwar il-ħlas mill-Banka Slovenije tal-kapital, it-trasferiment ta' assi barranin ta' riżerva u l-kontribuzzjoni għar-riżervi u l-provvedimenti tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2006/30) (ĠU L 24, 31.1.2007, p. 17).

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Emenda għad-Deċiżjoni (UE) 2023/135 (BĊE/2022/51)

L-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni (UE) 2023/135 (BĊE/2022/51) huwa mibdul b'dan li gej:

"2. Il-pretensjoni kkreditata mill-BĊE lil Hrvatska narodna banka għandha tiġi rremunerata mid-data tas-saldu. L-imgħax li jakkumula għandu jiġi kkalkulat fuq bażi ta' kuljum, permezz tal-metodu ta' kalkolu attwali fuq 360 jum, b'rata ekwivalenti għal 85 % tar-rata ta' referenza kif definita fl-Artikolu 1(j) tad-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 (BĊE/2016/36), kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2024/2939 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2024/33) (*).

_____

(*) Deċiżjoni (UE) 2024/2939 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-14 ta' Novembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (BĊE/2016/36) (BĊE/2024/33) (ĠU L, 2024/2939, 11.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2939/oj)."

Artikolu 2

Emenda għad-Deċiżjoni (UE) 2015/287 (BĊE/2014/61)

L-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni (UE) 2015/287 (BĊE/2014/61) huwa mibdul b'dan li gej:

"2. Il-pretensjoni kkreditata mill-BĊE lil Lietuvos bankas għandha tiġi rremunerata mid-data tas-saldu. L-imgħax li jakkumula għandu jiġi kkalkulat fuq bażi ta' kuljum, permezz tal-metodu ta' kalkolu attwali fuq 360 jum, b'rata ekwivalenti għal 85 % tar-rata ta' referenza kif definita fl-Artikolu 1(j) tad-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 (BĊE/2016/36), kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2024/2939 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2024/33) (*).

_____

(*) Deċiżjoni (UE) 2024/2939 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-14 ta' Novembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (BĊE/2016/36) (BĊE/2024/33) (ĠU L 2024/2939, 11.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2939/oj)."

Artikolu 3

Emenda għad-Deċiżjoni BĊE/2013/53

L-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni BĊE/2013/53 huwa mibdul b'dan li gej:

"2. Il-pretensjoni kkreditata mill-BĊE lil Latvijas Banka għandha tiġi rremunerata mid-data tas-saldu. L-imgħax li jakkumula għandu jiġi kkalkulat fuq bażi ta' kuljum, permezz tal-metodu ta' kalkolu attwali fuq 360 jum, b'rata ekwivalenti għal 85 % tar-rata ta' referenza kif definita fl-Artikolu 1(j) tad-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 (BĊE/2016/36), kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2024/2939 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2024/33) (*).

_____

(*) Deċiżjoni (UE) 2024/2939 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-14 ta' Novembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (BĊE/2016/36) (BĊE/2024/33) (ĠU L, 2024/2939, 11.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2939/oj)."

Artikolu 4

Emenda għad-Deċiżjoni BĊE/2010/34

L-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni BĊE/2010/34 huwa mibdul b'dan li gej:

"2. Il-pretensjoni kkreditata mill-BĊE lil Eesti Pank għandha tiġi rremunerata mid-data tas-saldu. L-imgħax li jakkumula għandu jiġi kkalkulat fuq bażi ta' kuljum, permezz tal-metodu ta' kalkolu attwali fuq 360 jum, b'rata ekwivalenti għal 85 % tar-rata ta' referenza kif definita fl-Artikolu 1(j) tad-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 (BĊE/2016/36), kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2024/2939 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2024/33) (*).

_____

(*) Deċiżjoni (UE) 2024/2939 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-14 ta' Novembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (BĊE/2016/36) (BĊE/2024/33) (ĠU L, 2024/2939, 11.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2939/oj)."

Artikolu 5

Emenda għad-Deċiżjoni BĊE/2008/33

L-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni BĊE/2008/33 huwa mibdul b'dan li gej:

"2. Il-pretensjoni kkreditata mill-BĊE lin-Národná banka Slovenska għandha tiġi rremunerata mid-data tas-saldu. L-imgħax li jakkumula għandu jiġi kkalkulat fuq bażi ta' kuljum, permezz tal-metodu ta' kalkolu attwali fuq 360 jum, b'rata ekwivalenti għal 85 % tar-rata ta' referenza kif definita fl-Artikolu 1(j) tad-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 (BĊE/2016/36), kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2024/2939 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2024/33) (*).

_____

(*) Deċiżjoni (UE) 2024/2939 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-14 ta' Novembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (BĊE/2016/36) (BĊE/2024/33) (ĠU L, 2024/2939, 11.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2939/oj)."

Artikolu 6

Emenda għad-Deċiżjoni BĊE/2007/22

L-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni BĊE/2007/22 huwa mibdul b'dan li gej:

"2. Il-pretensjonijiet ikkreditati mill-BĊE lis-Central Bank of Cyprus u lill-Bank Ċentrali ta' Malta għandhom jiġu rremunerati mid-data tas-saldu. L-imgħax li jakkumula għandu jiġi kkalkulat fuq bażi ta' kuljum, permezz tal-metodu ta' kalkolu attwali fuq 360 jum, b'rata ekwivalenti għal 85 % tar-rata ta' referenza kif definita fl-Artikolu 1(j) tad-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 (BĊE/2016/36), kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2024/2939 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2024/33) (*).

_____

(*) Deċiżjoni (UE) 2024/2939 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-14 ta' Novembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (BĊE/2016/36) (BĊE/2024/33) (ĠU L, 2024/2939, 11.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2939/oj)."

Artikolu 7

Emenda għad-Deċiżjoni BĊE/2006/30

L-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni BĊE/2006/30 huwa mibdul b'dan li gej:

"2. Il-pretensjoni kkreditata mill-BĊE lil Banka Slovenije għandha tiġi rremunerata mid-data tas-saldu. L-imgħax li jakkumula għandu jiġi kkalkulat fuq bażi ta' kuljum, permezz tal-metodu ta' kalkolu attwali fuq 360 jum, b'rata ekwivalenti għal 85 % tar-rata ta' referenza kif definita fl-Artikolu 1(j) tad-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 (BĊE/2016/36), kif emendata bid-Deċiżjoni (UE) 2024/2939 tal-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE/2024/33) (*).

_____

(*) Deċiżjoni (UE) 2024/2939 tal-Bank Ċentrali Ewropew tal-14 ta' Novembru 2024 li temenda d-Deċiżjoni (UE) 2016/2248 dwar l-allokazzjoni tad-dħul monetarju tal-banek ċentrali nazzjonali ta' Stati Membri li l-munita tagħhom hija l-euro (BĊE/2016/36) (BĊE/2024/33) (ĠU L, 2024/2939, 11.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2939/oj)."

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025.

Magħmul fi Frankfurt am Main, l-14 ta' Novembru 2024.

Il-President tal-BĊE
Christine LAGARDE